# LECTIO DIVINA

# IV ĦADD TAR-RANDAN (B)

**Ġw 3:14-21**

Il-KUNTEST huwa l-ewwel diskors twil ta' Ġesù li nsibu fi *Ġw*. L-okkażjoni hija ż-żjara ta' Nikodemu «wieħed mill-kbarat tal-Lhud» li jiġi għand Ġesù «bil-lejl» (cfr *Ġw* 3:1-2). Quddiem dan l-«mgħallem f'Iżrael» (*Ġw* 3:10) li jara f'Ġesù l-«Mgħallem mibgħut minn Alla» (*Ġw* 3:2), il-Mulej jitkellem mit-«twelid ġdid» (*Ġw* 3:2b-10), fuq il-«ħwejjeġ tal-art» u l-«ħwejjeġ tas-sema» (*Ġw* 3:12), mill-att tat-twemmin (li temmen) (cfr *Ġw* 3:12.15.16.18) quddiem il-miġja tad-«dawl» (cfr *Ġw* 3:19.20.21) sabiex min bħal Nikodemu għadu miexi «fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt» (*Lq* 1:79) ikun jista' jagħraf il-Verità li ddawwlu: «Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja» (*Ġw* 8:12; cfr 1:4). Wara li fit-Tempju Ġesù – l-eseġeta per eċċellenza (cfr *Ġw* 1:18) – jippurifika l-idea ta' Alla bħala oġġett tan-negozju (cfr *Ġw* 2:13-22), issa jkompli jirrivela min Huwa tassew.

**U kif Mosè rafa' s-serp fid-deżert,**

Ġesù jirreferi għall-episodju ta' meta l-Poplu Lhudi jitlef il-fiduċja f'Alla bħala s-Salvatur tiegħu, *jiddejjaq jimxi*, u bħala kastig il-Mulej jibgħat «sriep velenużi» li jigdmu u joqtlu bosta mill-poplu. Bl-interċessjoni ta' Mosè, il-Mulej jordna li jsir serp tal-bronż mgħolli fuq stendard sabiex kulmin jingidem iħares lejh u jgħix (cfr *Num* 21:4-9). Is-serp isir simbolu ta' ħajja u ta' mewt: huwa serp li jagħti l-gidma velenuża; huwa s-serp arbulat fuq stendard li jfejjaq u jgħajjex. Iżda din is-setgħa mhijiex ġejja mis-serp imma minn Alla: «Għax kull min kien idur lejh kien isalva, mhux b'dak li kien jara, iżda bik li ssalva 'l kulħadd» (*Għerf* 16:7; il-Poplu Lhudi kien għamel mis-serp tal-bronż idolu sakemm farrku s-sultan Ħeżekija: cfr *2Slat* 18:4).

**hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.**

Fil-milja taż-żminijiet huwa Bin il-bniedem li jintrefa' fuq l-għuda tas-salib sabiex ifejjaq l-infedeltà tal-bnedmin. Is-salib hu fl-istess ħin simbolu tal-mewt u s-saħta (cfr *Gal* 3:13), tar-rifjut tal-bniedem li Alla jħallih ħieles sabiex jagħżel. Fl-istess waqt, huwa l-għajn tal-ħajja, l-"altar għani tal-Vittma [...] fuqek mietet il-ħajja biex tagħti lilna l-ħajja w timliena bis-sebħ" (*Innu tal-Għasar – Ġimgħa Mqaddsa*). Merfugħ 'il fuq, Ġesù jiġbed lill-bnedmin kollha lejh (cfr *Ġw* 12:32) u jagħti l-maħfra tad-dnubiet billi jħassar «il-kont tad-dejn li kellna», ineħħih min-nofs u jsammru mas-salib (cfr *Kol* 2:13-14). Filwaqt li fid-deżert il-Lhudi migdum kellu biss iħares lejn is-serp tal-bronż sabiex ifiq, hekk il-*ħarsa li tfejjaq* lill-bniedem tal-Patt il-Ġdid hija dik tal-fidi, jiġifieri li jħares lejn Dak li nifed (cfr *Ġw* 19:37) u jagħmel att ta' fiduċja-abbandun fl-imħabba ta' Alla li waħidha ssalvah: "hu sewwasew fil-kontemplazzjoni tal-mewt ta' Ġesù li l-fidi titqawwa u tirċievi dawl jiddi, meta hi tidher bħala fidi f'imħabbtu qatt nieqsa għalina, li għandha l-ħila tidħol fil-mewt biex issalvana. F'din l-imħabba, li ma ħarbitx mill-mewt biex turi kemm tħobbni, nista' nemmen; is-sħuħija tagħha tirbaħ kull

suspett u tħallina nafdaw fi Kristu bis-sħiħ" (*Lumen fidei* 16). Hu fl-abbandun f'dan Ġesù Kristu «dak li ġie bl-ilma u d-demm» (*1Ġw* 5:6; cfr *Ġw* 19:34), li aħna nistgħu ngħixu miegħu għal dejjem: «U x-xhieda hija din: li Alla tana l-ħajja ta' dejjem, u din il-ħajja tinsab f'Ibnu. Min għandu l-Iben għandu l-ħajja; min ma għandux l-Iben ta' Alla ma għandux il-ħajja» (*1Ġw* 5:11-12).

**Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.**

F'dawn il-versi (vv. 16-21) insibu kumment teoloġiku għall-vers ta' qabel dwar l-eżaltazzjoni ta' Bin il-bniedem. F'din l-ewwel parti li tqis l-azzjoni ta' Alla lejn il-bniedem (vv. 16-18), Ġesù jitkellem mill-imħabba (*agape*) ta' Alla lejn id-«dinja», li fi *Ġw* tiġbor l-istruttura tar-relazzjoni ħażina ma' Alla. Alla jiġi rrivelat bħala l-*Missier* li jħobb «bi mħabba ta' dejjem» (*Ġer* 31:3) tant li joffri mill-istess essenza tiegħu – lill-«Ibnu l-waħdieni», «id-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tal-essenza tiegħu» (*Lhud* 1:3) – għall-ħajja ta' dawk li jagħmilhom ulied adottivi tiegħu: «Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu – bi grazzja intom salvi» (*Efes* 2:4-5). L-imħabba tal-Missier tħaddan lid-«dinja» li rrifjutatu (cfr *Ġw* 1:10-11): «Mela, meta aħna konna bla saħħa, Kristu, meta wasal iż-żmien, miet għall-ħżiena. Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż. Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin» (*Rum* 5:6-8; cfr *2Kor* 5:19-21; *Tit* 3:4). Il-bniedem hu msejjaħ biex *jemmen* f'dan Alla-Missier ta' mħabba bla tarf: "*Aħna emminna fl-imħabba ta' Alla* (*1Ġw* 4:16) – hekk in-nisrani jista' jistqarr l-għażla fundamentali ta' ħajtu. [...] Bit-tqegħid tal-imħabba fiċ-ċentru, il-fidi nisranija ġabret dak li kien il-qofol tal-fidi ta' Iżrael u fl-istess ħin hija tat lil dan il-qofol dehra aktar profonda u wiesgħa" (*Deus caritas est* 1).

**Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.**

L-*Iben* huwa «s-Salvatur tad-dinja» (*Ġw* 4:42; cfr *Lq* 2:11; *1Ġw* 4:14), l-uniku «medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù» (*1Tim* 2:5). Il-missjoni tiegħu, frott l-imħabba tal-Missier, hija li «jfittex u jsalva l-mitluf» (*Lq* 19:10) billi bl-għotja tiegħu nnifsu jħallas għad-dnubiet tad-dinja kollha (cfr *1Ġw* 2:2): "*Jesus is the illuminator and revealer, the redeemer and liberator, the One who divinizes and justifies the human person [...] Christ is the High Priest of the New Covenant, offering perfect worship to the Father, in the name of all humanity: He sacrifices Himself, expiates sins, and remains forever alive to intercede on our behalf.*" (*Placuit Deo* 9). Il-«ħaqq» mhuwiex tant f'idejn l-Iben daqskemm f'idejn il-bniedem ħieles sabiex hu stess iqiegħed l-ideat żbaljati jew imperfetti li hu għandu dwar Alla fi *kriżi* (vb. gr. κρίνω tr. *krínō*; n. gr. κρίσις tr. *krísis* = v. *to separate*; n. *separation; decision*). Jew nistgħu ngħidu li jekk l-Iben jagħmel il-ħaqq, dan hu li jpoġġi lill-bniedem quddiem *għażla*, jiġifieri, iwassal lill-bniedem biex jagħmel *ħaqq-deċiżjoni* quddiem il-miġja tal-Iben: «Għalikom, mela, li temmnu, dan huwa ġieħ! Għal dawk li ma jemmnux, din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka u ġebla ta' tiġrif u tfixkil; tfixklu għax ma qagħdux għall-kelma ta' Alla...» (*1Pt* 2:7-8).

**Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla.**

L-isfiduċja f'Alla, li timplika fiduċja fl-idoli (li jista' jkun il-bniedem innifsu jew persuni/oġġetti li jingħataw l-fiduċja li tixraq biss lil Alla), twassal biex il-bniedem jikkundanna lilu nnifsu *diġà minn issa* ("eskatoloġija antiċipata"). Jiddependi mill-bniedem *iħarisx* jew le lejn l-Iben, jemminx jew le fl-imħabba ta' Alla li "taħdem" fid-dinja: «Din hi tabilħaqq ir-rieda ta' Missier: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum» (*Ġw* 6:40; cfr

3:36; 5:24; 6:47; 20:31). Li temmen fl-Iben huwa għalhekk *atteġġjament/għażla fundamentali* li l-bniedem jagħmel quddiem Alla li jirrivela lilu nnifsu b'dan il-mod f'Ibnu l-waħdieni (cfr *1Ġw* 5:12): "il-fidi fl-Iben hija kundizzjonata mill-atteġġjament fundamentali ta' kull wieħed quddiem ir-rivelazzjoni divina" (Leon-Dufour). Jgħodd ħafna l-parir tal-awtur sagru: «Qisu li ma twarrbux lil dak li qiegħed ikellimkom! Għax jekk ma ħelsuhiex dawk talli warrbu 'l min kellimhom fuq l-art, wisq aktar ma neħilsuhiex aħna jekk inwarrbu 'l min ikellimna mis-sema" (*Lhud* 12:25).

**U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin. Għax kull min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl, biex għemilu ma jinkixifx.**

Fit-tieni parti tal-kumment, li tħares lejn it-tweġiba tal-bniedem quddiem l-għemil ta' Alla (vv. 19-21), naraw li l-għażla tal-bniedem tittieħed quddiem il-fatt/ġrajja tal-miġja tad-«dawl» fid-dinja «biex min ma jarax isir jara, u min jara jagħma» (*Ġw* 9:39). Quddiem l-imħabba radikali ta' Alla lejn il-bniedem, tibqa' l-mistoqsija kif il-bniedem jista' jagħżel b'imħabba intensa d-dlam (gr. ἀγαπάω tr. *agapáō*). Tagħmel parti mill-misteru tal-libertà li biha Alla żejjen lill-bniedem xbieha tiegħu. Li tħobb id-dlam huwa l-atteġġjament tal-bniedem li quddiem il-Kelma ħelliesa tas-Salvatur, jagħżel li *jinħeba fid-dlam* minflok joħroġ għad-dawl: «Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien għeri, u nħbejt» (*Ġen* 3:10); «Hemm uħud li rvillaw għad-dawl, li ma jridux jafu bi triqatu u f'mogħdijietu ma jżommux [...] Binhar jinqaflu ġewwa dawn li ma jridux jafu bid-dawl. Għalihom ilkoll dlam hi l-għodwa, malli jisbaħ jaqbadhom il-biża'» (*Ġob* 24:13.16b-17; cfr *Efes* 5:12-13). Hija l-għażla ta' min ma jridx jara l-Verità u għalhekk jippreferi joqgħod fil-falzità. B'konsegwenza hu jagħżel li *jobgħod* id-dawl – hekk jagħmel Aħab is-sultan ta' Iżrael fil-konfront tal-profeta Mikajja bin Imla: «jien nobogħdu għax qatt ma jħabbarli r-riżq» (*1Slat* 22:8); u l-istess dawk li jħobbu d-dinja fil-konfront ta' Ġesù: «raw b'għajnejhom u baqgħu jobogħdu sew lili u sew lil Missieri [...] 'Fuq xejn bagħduni'» (*Ġw* 15:24-25).

**Imma min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl, biex juri li hemm Alla f'għemilu.**

Fl-oppost ta' min jagħmel dak li hu ħażin, hemm il-bniedem li «jagħmel is-sewwa», li jagħmel parti minn dawk «it-tajbin» li t-triq tagħhom «bħal dawl iż-żerniq, li jżid jitqawwa sal-milja tal-jum» (*Prov* 4:18). Huwa l-bniedem li l-kelma ta' Kristu mhux biss jismagħha imma «jagħmilha; hieni dan fl-għemil tiegħu» (*Ġak* 1: 25). Huwa d-dixxiplu li jwettaq «l-opra ta' Alla» li «hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat» (*Ġw* 6:28-29). Huwa x-xhud li ma jistħix «jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla» u għaldaqstant «Alla jgħammar fih u hu f'Alla» (*1Ġw* 4:15). Mudell ta' dan l-atteġġjament ta' apertura lejn Ġesù Kristu huwa l-Battista f'kuntrast mal-għeluq ta' Nikodemu. Dritt wara din is-silta nsibu x-xhieda tal-Għammiedi (cfr *Ġw* 3:22-29) li jagħmel *għażla* fil-konfront ta' Kristu: dik li jistqarr li quddiem Kristu l-«Messija» u l-«għarus» huwa l-«mibgħut qablu» u l-«ħabib tal-għarus» li «jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet». Quddiem l-imħabba ta' Alla murija fi Kristu Ġesù, id-deċiżjoni hi dik tal-umiltà li tħalli lil Alla jkabbarha: «Jenħtieġ li jikber hu u niċkien jiena». Jagħmel tajjeb id-dixxiplu li jilqa' din l-eżortazzjoni tal-Iskrittura: «Għażiż, timxix fuq il-ħażin, imma fuq it-tajjeb. Min jagħmel it-tajjeb ġej minn Alla; min jagħmel il-ħażin ma rax lil Alla» (*3Ġw* 11).

---